MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Numru 34/2010

**Att. t'Akkuza Nru. 34/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Muhammed Ali Hasan**
**Abuker Ahmed Abdilrahman**
**Omar Osman Omar**
**Anwar Otman Hasan**

**Illum, 12 ta' Novembru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 34 tas-sena 2010 kontra l-akkuzati Muhammed Ali Hasan [detentur tac-certifikat tal-immigrazzjoni numru 04SS23], Abuker Ahmed Abdilrahman [detentur tac-certifikat tal-immigrazzjoni numru 04F002], Omar Osman Omar [detentur tac-certifikat tal-immigrazzjoni numru LL11 u/jew 3531AA] u Anwar Otman Hasan [detentur tac-certifikat tal-immigrazzjoni numru 05V6] li bih huma gew akkuzati :

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi omissis u ċertu Hakim Babangida Kasim (aktar il-quddiem magħruf bħala "Hakim") kienu saru ħbieb. Nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2007, iltaqgħu fid-Diana's Kiosk, il-Belt Valletta għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, xorbu diversi fliexken tal-birra flimkien u baqgħu hemm kważi sa' xit-20:00. Omissis kellha wġiegħ f'darsitha u kellha bżonn il-pilloli kontra l-uġiegħ. Peress li kien il-Ħadd fil-għaxija ma sabetx mnejn tixtri l-pilloli. Hakim, li kien jirrisjedi fiċ-Ċentru Miftuh (Open Centre) li hemm il-Marsa, ssuġġerielha li jmorru l-Open Centre b' tal-linja għax minn hemm kienet tkun tista tixtri dawn il-pilloli. U hekk għamlu.

Hemmhekk omissis xtrat il-pilloli li kellha bżonn. Wara li ħadet dawn il-pilloli, xtaqet tkompli tieħu xi flixkun birra ieħor u ddeċidew li jmorru t-"Tiger Bar" fil-Marsa, viċin tal-Open Centre f'dak il-lokal. Marru hemmhekk u ħadu flixkun birra. Kien hemm in-nies jiżfnu għall-mużika, u omissis ħarġet tiżfen ukoll. Wara xi ħin l-akkużat Anwar Otman Hasan (aktar il-quddiem magħruf bħala "Anwar") resaq fuq Hakim u staqsih dwar din it-tfajla li kienet qed tiżfen u li kien ġab miegħu Hakim. Hakim stqarr miegħu li dan huwa pajjiż ħieles u omissis kellha d-dritt li tiżfen u tieħu gost. Bosta mill-irġiel li kienu qegħdin f'dan il-bar u li bdew jiżfnu ma omissis bdew ukoll jixtrulha xorb alkoħoliku. Biss Hakim, bejn il-kumment ta' Anwar u bejn il-fatt li kien hemm diversi rġiel oħra li kienu qed jigguffaw biex jiżfnu ma' omissis u jħalsuha d-*drinks*, intebaħ li hemm kienet ser tinqala' xi waħda tinkiteb u Hakim wissa lil omissis biex jitilqu minn hemm. Biss din kienet qed tieħu gost tiżfen u baqgħet hemm sakemm il-ħanut għalaq ftit qabel it-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax ta' Marzu, jum San Ġużepp.

Peress li kien sar ħafna ħin, u kemm għaliex ma kienx hemm karozzi tal-linja jaħdmu dak il-ħin, kemm għaliex omissis ma kellhiex flus fuqha biex taqbad taxi għad-dar, kif ukoll peress li kienet xorbot ftit birra mhux ħażin, Hakim issuġġerielha li torqod fil-kamra tiegħu fl-Open Centre. Ħadha fil-kamra tiegħu u qagħad magħha sakemm ra li

raqdet. Hakim għall-ewwel kien ser jorqod fuq saqqu mal-art, iżda wara ħareġ barra bilqegħda fuq bank fejn il-kamra tiegħu. Kif kien bil-qeghda barra mill-kamra, resqu lejh tliet irġiel : Abuker Ahmed Abdilrahman (aktar il-quddiem magħruf bħala “Abuker”) li kien qed iġorr bi flixkun tal-inbid, Hasan Ali Muhammed (aktar il-quddiem magħruf bħala “Hasan”) li kien armat b’sikkina f’idu u raġel ieħor. Hakim ħassu mhedded mill-mod ta’ kif dawn kienu resqu lejh u bdew iġibu ruħhom. Abuker staqsih għal dak ir-raġel li kien qed jiżfen ma’ omissis. Hakim qallu li dan ir-ragel ma kienx hemm. Iżda Abuker insista ma Hakim li wara li jkun “lesta” minn ma omissis, kien imiss lilhom biex “imorru” magħha. Hawn Hakim fehem li dawn kienu marru biex ikollhom rapporti sesswali ma’ omissis. Għalhekk qallhom li omissis ma kienetx xi prostituta u li kienet ħabiba tiegħu u wissihom biex iħalluha bi kwietha. Pero Hakim kien tant beda jibża mill-mod ta’ kif kienu qed iġibu ruħhom Abuker u Hasan li ddeċieda li jmur jitlob l-għajnuna lis-Suldat li jkun għassa mal-Open Centre.

Sadattant pero, hekk kif Hakim kien sejjer lura lejn kamartu, Abuker u Hasan, flimkien ma’ Anwar u Omar Osman Omar (aktar l-isfel magħruf bħala “Omar”) kienu laħqu irnexxielhom jiftħu l-bieb tal-kamra ta’ Hakim, daħlu f’din il-kamra u ħatfu kontra r-rieda tagħha lil omissis minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda. Anwar, Hasan, Abuker u Omar niżluha minn fuq is-sodda, ħarġuha mill-kamra fejn kienet, bdew iġebdu u jkaxkru lil omissis minn idejha u jeħduha lill-hemm mill-Open Centre. Omissis dak il-ħin ma kienetx f’sensiha għal kollox minħabba li kienet xorbot ħafna birra u bdiet tgħajjat lill-Hakim biex imur jgħinha għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni billi kienu qed iġebbduha ‘l hemm u ‘l hawn u kienu qed iweġġgħuha.

Hakim ċempel lill-Pulizija għall-għajnuna u wkoll mar jipprova jissielet magħhom biex iwaqqafhom milli jagħmlu ħsara lil omissis. Iżda Anwar waqqaf lil Hakim milli jostakolhom billi ħatfu mill-kozz t’għonqu u żammu b’mod li ma setgħax jiċċaqlaq, filwaqt li Hasan resaq lejh ukoll u minbarra li żammu milli jkun jista jiċċaqlaq, ippuntalu s-sikkina lejh. Wara li Anwar u Hasan żammew lil Hakim

ferm għal ftit ħin, dawn telquh u marru jsegwu lill-sħabhom l-oħra fejn kienu ħadu lil omissis.

Wara li l-akkużati ħatfu lil omissis kaxkruha u tefgħuha taħt siġra fuq il-ħamrija viċin ta' skip fejn jintrema l-imbarazz u l-ħmieġ. Hemmhekk omissis ġiet mhedda u miżmuma minn għonqha. Is-saħħa u t-theddid tal-akkużati aggressuri egħlbu lil ***Omissis***. Wieħed mill-akkużati qabadha minn għonqa u beda jżommha b'mod li ma setgħetx tieħu nifs tant li ħassitha li kienet ser tifga. F'dak il-mument li qed issofri din il-vjolenza u wġiegħ, ***Omissis*** kompliet tiġi immobilizzata minn uħud mill-akkużati, li, bil-forza neżżgħu il-qalziet u l-qalziet ta' taħt li kienet liebsa ***Omissis***, biex b'hekk, wara, Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan, wara li għamlu l-ħsieb li jistupraw lil ***Omissis***, żammew lil ***Omissis*** li sadattant kellha l-parti privata tagħha mikxufa u esposta, ħarġu u esponew il-parti privata tagħhom għall-apert u wetqu dan il-ħsieb tagħhom billi bil-vjolenza u kontra l-volonta ta' ***Omissis***, Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan stupraw lill-istess ***Omissis*** billi kellhom konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta tagħha, f'kuntest fejn ***Omissis*** ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom. Matul din l-aggressjoni u l-istupru Mohammed Ali Hasan kien għadu qed iżomm is-sikkina f'idu u biha ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq geddumet ***Omissis***.

Wara li ***Omissis*** ġiet stuprata b'dan il-mod brutali, l-akkużati kollha laħqu ħarbu minn fuq il-post. Sadattant pero waslu Hakim u Suldat li kien għassa u li tawha l-ewwel għajnuna wara dan l-istupru vjolenti. F'dak il-mument, ***Omissis*** kienet liebsa biss flokk u l-kalzetti u konfuża, trawmatizzata u mweġġa' kif kienet bdiet miexja lejn is-suldat u Hakim. Wara li ġew il-Pulizija fuq il-post ittieħdet l-isptar għall-kura.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Muhammed Ali Hasan u Anwar Otman Hasan saru ħatja ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommettew stupru fuq persuna tas-

sess il-wieħed jew l-ieħor (***Omissis***) meta l-persuna li fuqha ġie kommess l-istupru ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan u Anwar Otman Hasan, li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil- Marsa, kkommettew u għalhekk irrendew ruħhom ħatja ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommettew stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (***Omissis***) billi kellha konġunġiment karnali kontra l-volonta tagħha f'kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-istupru ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha;

u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax il-sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fl-ewwel kap t'akkuża u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, ***Omissis*** kienet fl-Open Centre tal-

Marsa u kienet rieqda fil-kamra li fiha kien solitament jirrisjedi u jorqod Hakim Babangida Kasim (aktar il-quddiem magħruf bħala "Hakim"). ***Omissis*** u Hakim kien ilhom fil-kumpanija ta' xulxin jixorbu l-birra. Fil-għaxija kienu wkoll marru t-"Tiger Bar" fil-Marsa fejn ***Omissis*** qagħdet ukoll tiżfen u diversi rġiel li kienu qed jiżfnu magħha ħalsulha wkoll diversi *drinks*. Wara li telqu mit-"Tiger Bar", Hakim ħadha fil-kamra li kien jorqod fiha u ħalliha torqod fuq sodtu. Għall-ewwel hu kien ser jorqod fuq saqqu mal-art, iżda wara ħareġ barra bilqegħda fuq bank fejn il-kamra tiegħu. Kif kien bil-qeghda barra mill-kamra, resqu lejh Abuker Ahmed Abdilrahman (aktar il-quddiem magħruf bħala "Abuker") li kien qed iġorr flixkun tal-inbid, Hasan Ali Muhammed (aktar il-quddiem magħruf bħala "Hasan") li kien armat b'sikkina f'idu u raġel ieħor. Hakim ħassu mhedded mill-mod ta' kif dawn kienu resqu lejh u bdew iġibu ruħhom. Abuker staqsih għal dak ir-raġel li kien qed jiżfen ma' ***Omissis***. Abuker insista ma Hakim li wara li jkun "lesta" minn ma ***Omissis***, kien imiss lilhom biex "imorru" magħha. Hakim fehem li dawn kienu marru biex ikollhom rapporti sesswali ma' ***Omissis*** u għalhekk qallhom li ***Omissis*** ma kienetx xi prostituta u li kienet ħabiba tiegħu u wissihom biex iħalluha bi kwietha. Hakim kien tant beda jibża mill-mod ta' kif kienu qed iġibu ruħhom Abuker u Hasan li ddeċieda li jmur jitlob l-għajnuna lis-Suldat li jkun għassa mal-Open Centre.

Sadattant pero, hekk kif Hakim kien sejjer lura lejn kamartu, Abuker u Hasan, flimkien ma' Anwar u Omar Osman Omar (aktar l-isfel magħruf bħala "Omar") fetħu l-bieb tal-kamra ta' Hakim, daħlu f'din il-kamra u ħatfu kontra r-rieda tagħha lil ***Omissis*** minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda. Anwar, Hasan, Abuker u Omar ħatfuha u niżluha minn fuq is-sodda, ħarġuha mill-kamra fejn kienet, u kaxkru lil ***Omissis*** minn idejha u ħaduha lill-hemm mill-Open Centre. ***Omissis*** dak il-ħin ma kienetx f'sensiha għal kollox bejn għax kienet maħsuda kif ukoll minħabba li kienet xorbot ħafna birra. Bdiet tgħajjat lill-Hakim għall-ajjut għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni billi kienu qed iġebbduha 'l hemm u 'l hawn u kienu qed iweġġgħuha. Għalkemm Hakim prova jeħodha mal-akkużati, huwa wkoll ġie mrażżan bil-vjolenza minn Anwar u minn Hasan.

Sadattant ***Omissis*** ġiet imkaxkra u mitfugħa taħt siġra fuq il-ħamrija viċin ta' skip fejn jintrema' l-imbarazz u l-iskart u dan sabiex hemmhekk, f'dan il-post mudlam, ***Omissis*** tkun tista tiġi stuprata lil hinn minn għajnejn in-nies minn diversi rġiel. Hemmhekk minbarra l-fatt li ħadu sehem fil-ħtif u ġarr ta' ***Omissis*** sabiex tiġi stuprata, Abuker u Omar għenu biex ***Omissis*** tiġi mmobilizzata biex b'hekk, xjentement għenu u assistew lil Anwar Otman Hasan, Mohammed Ali Hasan u oħrajn sabiex ikunu jistgħu iwetqu l-istupru vjolenti fuq ***Omissis***, kif fil-fatt għamlu billi kellhom konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta tagħha; kif ukoll li bl-egħmil tagħhom, Abuker u Omar xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar, Hasan u persuna oħra sabiex jikkommettu r-reat ta' stupru vjolenti fuq ***Omissis***. Matul l-aggressjoni u l-istupru ta' ***Omissis***, Mohammed Ali Hasan kien għadu qed iżomm is-sikkina f'idu u biha ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-geddum ta' ***Omissis***.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar irrendew ruħhom kompliċi fi stupru vjolenti aggravat, u ċioè billi xjentement għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan u lil Muhammed Ali Hasan sabiex jikkommettu stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (***Omissis***) meta l-persuna li fuqha ġie kommess l-istupru ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kienu ġew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar u Hasan u persuna oħra sabiex jikkommettu r-reat ta' stupru vjolenti.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Omar Osman Omar" tas-16 ta' Diċembru 2004, l-akkużat Omar Osman Omar instab hati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża

lill-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt), li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa, rrendew ruħhom kompliċi fi stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli xjentement għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan, Muhammed Ali Hasan u persuna oħra sabiex jikkommettu stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (***Omissis***) billi kellhom konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta tagħha f'kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-istupru ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kienu ġew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar, Hasan u persuna oħra sabiex jikkommettu r-reat ta' stupru vjolenti;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati : -

(a) kwantu għal Abuker Ahmed Abdilrahman għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 42(d)(e), 43, 198, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat u
(b) kwantu għal Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) għall-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa' għoxrin sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 42(d)(e), 43, 198, 201(b), 202(d)(f), 49, 50, kif ukoll 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, l-akkużati Muhammed Ali

Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar fetħu l-bieb tal-kamra ta' Hakim, daħlu f'din il-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis*** fl-Open Centre tal-Marsa, ħatfuha kontra r-rieda tagħha minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda, niżluha minn fuq is-sodda u kaxkruha l-barra minn din il-kamra u lejn post mudlam, imwarrab u maħmuġ. L-akkużati qabduha, ħatfuha u żammewha kontra r-rieda tagħha filwaqt li kaxkruha għal taħt siġra u fuq il-ħamrija fejn hemmhekk immobilizzawha. Żammewha minn għonqa u minn idha u matul dan il-perjodu ta' ħin kollu minn meta inħatfet mill-kamra fejn kienet rieqda sakemm ġiet vjolentement stuprata ripetutament, ***Omissis***, apparti li ġiet miżmuma kontra l-volonta tagħha, kellha l-liberta tal-moviment tagħha impeduta u dan bil-għan li din tkun tista tiġi stuprata, kif fil-fatt sar; u dan minbarra l-fatt li fit-twettieq ta' dan il-ħtif, tkaxkir u stupru ta' ***Omissis***, hija ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha. L-akkużati ma kellhomx ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil xi persuna.

Illi b'għemilhom l-imsemmija akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar saru ħatja talli, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna; kif ukoll li waqt tali sekwestru u arrest illegali ta' ***Omissis***, hija ġiet offiża fuq il-persuna tagħha jew mhedda bil-mewt.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Omar Osman Omar" tas-16 ta' Diċembru 2004, l-akkużat Omar Osman Omar instab hati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt), ħatja talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna; kif ukoll li waqt tali sekwestru u arrest illegali ta' ***Omissis***, hija ġiet offiża fuq il-persuna tagħha jew mhedda bil-mewt.

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) u illi huma jiġu kkundannati :
(a) kwantu għall-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan u Abuker Ahmed Abdilrahman illi jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(g) u 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati;
(b) u kwantu għall-akkużat Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) għall-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(g), 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-

ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, ***Omissis*** kienet fl-Open Centre tal-Marsa u kienet rieqda fil-kamra li fiha kien solitament jirrisjedi u jorqod Hakim Babangida Kasim (aktar il-quddiem magħruf bħala "Hakim"). Sadattant Abuker u Hasan, flimkien ma' Anwar u Omar Osman Omar (aktar l-isfel magħruf bħala "Omar") fetħu l-bieb tal-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis***, daħlu hemmhekk u ħatfu lil ***Omissis*** li kienet rieqda fuq is-sodda kontra r-rieda tagħha. ***Omissis*** ġiet imkaxkra u mitfuha taħt siġra fuq il-ħamrija, waqt li Abuker u Omar għenu biex ***Omissis*** tkompli tiġi immobilizzata bil-għan li hija tiġi stuprata u Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan ikkommettew attentat vjolent għall-pudur meta bil-forza u kontra l-volonta tagħha, żammewha biex ikunu jistgħu jistuprawha, wara li l-qalziet u l-qalziet ta' taħt li ***Omissis*** kienet liebsa ġie mneżża, esponew u kixfu għall-apert il-parti privata ta' ***Omissis*** waqt li huma wkoll esponew lilhom infushom billi ħarġu l-parti privata tagħhom bil-għan li jkollhom konġunġiment karnali ma' ***Omissis*** Farruga kontra l-volonta' tagħha kif fil-fatt sar. Inoltre ***Omissis*** ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha minħabba diversi ġrieħi li sofriet in konsegwenza għal din l-aggressjoni subita minnha.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan saru ħatja ta' attentat vjolent għall-pudur f'kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-attentat vjolent għall-pudur ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt gew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll ***Omissis*** ġiet offiża fuq il-persuna tagħha minħabba diversi ġrieħi li sofriet in konsegwenza għal din l-aggressjoni subita minnha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża u ċioe akkuża lill-imsemmi Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan, li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-

għodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa ikkommettew attentat vjolent ghall-pudur ta’ ***Omissis*** f’kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-attentat vjolent għall-pudur ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed; kif ukoll ***Omissis*** ġiet offiża fuq il-persuna tagħha minħabba diversi ġrieħi li sofriet in konsegwenza għal din l-aggressjoni subita minnha;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta’ priġunerija minn ħames xhur sa tmintax il-xagħar, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 207, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta’ lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil-kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta’ filgħodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, fil-Marsa, ***Omissis*** kienet fl-Open Centre tal-Marsa u kienet rieqda fil-kamra li fiha kien jorqod Hakim Babangida Kasim (aktar il-quddiem magħruf bħala “Hakim”). Sadattant, Abuker u Hasan, flimkien ma’ Anwar u Omar Osman Omar (aktar l-isfel magħruf bħala “Omar”) fetħu l-bieb ta’ din il-kamra, daħlu u ħatfu kontra r-rieda tagħha lil ***Omissis*** li kienet rieqda fuq is-sodda. Anwar, Hasan, Abuker u Omar, bil-ħsieb li ***Omissis*** tiġi stuprata, kaxkruha minn idejha u ħaduha lill-hemm mill-Open Centre waqt li ***Omissis*** ma kienetx f’sensiha għal kollox. Bdiet tgħajjat lill-Hakim għall-ajjut għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni. Pero għalkemm Hakim prova jeħlisha minn idejn l-akkużati, huwa ġie mrażżan bil-vjolenza minn Anwar u minn Hasan. Sadattant Abuker u Omar, ukoll bil-ħsieb li jgħinu lil Anwar, Hasan u terzi jikkommettu attentat vjolent għall-pudur u l-eventwali stupru fuq ***Omissis***, komplew għenu

fil-ħtif ta’ ***Omissis*** u t-tkaxkir tagħha taħt siġra fuq il-ħamrija viċin ta’ skip fejn jintrema l-imbarazz u l-iskart. Abuker u Omar għenu biex ***Omissis*** tiġi mmobilizzata sabiex ikun jista jsir attentat għall-pudur tagħha u biex tkun tista tiġi stuprata; fil-fatt Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan ikkommettew attentat vjolent għall-pudur meta bil-forza u kontra l-volonta tagħha, żammew lil ***Omissis*** biex ikunu jistgħu jistuprawha u wara li l-qalziet u l-qalziet ta’ taħt li ***Omissis*** kienet liebsa ġew imneżżża’ minn fuqha, esponew u kixfu għall-apert il-parti privata ta’ ***Omissis*** waqt li huma wkoll, esponew lilhom infushom billi ħarġu l-parti privata tagħhom bil-għan li jkollhom konġunġiment karnali ma’ ***Omissis*** Farruga kontra l-volonta’ tagħha kif fil-fatt sar.  Minbarra li għenu u assistew lil Hasan u Anwar kif ingħad aktar il-fuq, Abuker u Omar, bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta’ Anwar u Hasan sabiex jikkommettu reat ta’ attentat vjolent għall-pudur.  Inoltre ***Omissis*** ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha minħabba diversi ġrieħi li sofriet in konsegwenza għal din l-aggressjoni subita minnha.

Illi b’għemilhom l-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar irrendew ruħhom kompliċi f’attentat vjolent għall-pudur, u ċioè billi xjentement għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan jikkommettu attentat vjolent għall-pudur f’kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-attentat vjolent għall-pudur ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kienu gew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed; kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta’ Anwar u Hasan sabiex jikkommettu r-reat ta’ attentat vjolenti għall-pudur.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Omar Osman Omar” tas-16 ta’ Diċembru 2004, l-akkużat Omar Osman Omar instab hati ta’ diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża u ċioe akkuża lill-imsemmi Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa rrendew ruħhom kompliċi f'attentat vjolent għall-pudur, u ċioè billi xjentement għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan jikkommettu attentat vjolent għall-pudur ta' ***Omissis*** f'kuntest fejn il-persuna li fuqha ġie kommess l-attentat vjolent għall-pudur ma setgħetx tirreżisti minħabba raġuni indipendenti mir-rieda tal-akkużati u minħabba l-mezzi qarrieqa li l-akkużati kienu inqdew bihom; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kienu gew mgħejjuna minn persuna waħda jew iżjed; kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar u Hasan sabiex jikkommettu r-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija :

(a) kwantu għal Abuker Ahmed Abdilrahman għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax il-xahar, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 42(d), 43, 207, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat;
(b) kwantu għal Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) għall-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 42(d), 43, 207, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-

ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, fil-Marsa, ***Omissis*** kienet fl-Open Centre tal-Marsa u kienet rieqda fil-kamra li fiha kien jorqod Hakim Babangida Kasim (aktar il-quddiem magħruf bħala “Hakim”). F’mument minnhom Abuker u Hasan, flimkien ma’ Anwar u Omar Osman Omar (aktar l-isfel magħruf bħala “Omar”) fetħu l-bieb u daħlu fil-kamra ta’ Hakim u ħatfu kontra l-volonta tagħha lil ***Omissis*** li kienet rieqda fuq is-sodda. Anwar, Hasan, Abuker u Omar qabdu u ħatfu b’mod vjolenti lil ***Omissis*** minn idejha, niżluha minn fuq is-sodda, ħarġuha mill-kamra fejn kienet, u kaxkruha lill-hemm mill-Open Centre u dan bil-ħsieb li ***Omissis*** tiġi imġiegħla tagħmel xi ħaġa u f’dan il-każ li toqgħod għas-sodisfazzjoni sesswali tal-akkużati u tiġi stuprata f’post il-bogħod minn għajn in-nies. Minħabba dan l-aġir tal-akkużati ***Omissis*** tant bdiet tibża li ser tintuża vjolenza kontra tagħha li bdiet tgħajjat lill-Hakim għall-ajjut għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni. Fil-fatt fis wara ***Omissis*** ġiet stuprata ripetutament minn tliet irġiel, fejn tnejn minnhom kienu l-akkużati Hasan u Anwar u ġiet ukoll offiża b’mod gravi fuq il-persuna tagħha.

Illi b’għemilhom l-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar saru ħatja talli użaw vjolenza biex iġiegħelu lil xi ħadd (***Omissis***) li tagħmel, tħalli jsir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Omar Osman Omar” tas-16 ta’ Diċembru 2004, l-akkużat Omar Osman Omar instab hati ta’ diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta’ żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap ta’ akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f’delitt), li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa użaw vjolenza biex iġiegħelu lil xi ħadd

(***Omissis***) li tagħmel, tħalli jsir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati :
(a) kwantu għall-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa' tliet snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251, 250(2), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati;
(b) u kwantu għal Omar Osmar Oman (reċidiv f'delitt), għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa' erba' snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251, 250(2), 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, f'post pubbliku, l-akkużati immobilizzaw lil ***Omissis*** bil-għan li din tiġi stuprata, kif fil-fatt seħħ mill-akkużati Hasan u Anwar. Fil-fatt Abuker u Omar żammew lil ***Omissis*** b'mod li mmobilizzawha u wara Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan ikkommettew attentat vjolent għall-pudur u stupru fuq ***Omissis*** meta, kontra kull pudur u morali, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku bil-forza u kontra l-volonta tagħha wara li ġie mneżżża' l-qalziet u l-qalziet ta' taħt li ***Omissis*** kienet liebsa, esponew għall-apert il-parti privata ta' ***Omissis*** waqt li huma wkoll, esponew lilhom infushom billi ħarġu l-parti privata tagħhom għall-apert u bil-għan li jkollhom konġunġiment karnali ma' ***Omissis*** Farruga kontra l-volonta' tagħha kif fil-fatt sar.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan saru ħatja li offendew il-pudur jew

il-morali, b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmija Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan, li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa offendew il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku;

u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur u multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 209 u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmij akkużati.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, f'post pubbliku, l-akkużati immobilizzaw lil ***Omissis*** bil-għan li din tiġi stuprata, kif fil-fatt seħħ mill-akkużati Hasan u Anwar. Fil-fatt Abuker u Omar ukoll bil-ħsieb li jgħinu u jassistu lil Hasan u Anwar jagħmlu attentat għall-pudur u stupru fuq ***Omissis***, minbarra li ħatfu u kaxkru lil ***Omissis*** sabiex tittieħed lejn il-post fejn ġiet stuprata, għenu wkoll billi żammew lil ***Omissis*** b'mod li mmobilizzawha u kontra kull pudur u morali, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku, bil-forza u kontra l-volonta tagħha, Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan ikkommettew attentat vjolent għall-pudur u stupru fuq ***Omissis*** biex wara li giet imneżża' mill-qalziet u l-qalziet ta' taħt li ***Omissis*** kienet liebsa, esponew il-parti privata ta' ***Omissis*** għall-apert u waqt li huma wkoll esponew lilhom infushom billi ħarġu l-parti privata tagħhom bil-għan li jkollhom konġunġiment karnali ma' ***Omissis*** Farruga kontra l-volonta' tagħha kif fil-fatt sar.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar irrendew ruħhom kompliċi f'offiża kontra l-pudur jew il-morali, ċioe' billi għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan jikkommettu offiża kontra l-pudur b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku; kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar u Hasan sabiex jikkommettu r-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur ta' ***Omissis***.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Omar Osman Omar" tas-16 ta' Diċembru 2004, l-akkużat Omar Osman Omar instab hati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt), li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa irrendew ruħhom kompliċi f'offiża kontra l-pudur jew il-morali, ċioe' billi għenu jew assistew lil Anwar Otman Hasan u Mohammed Ali Hasan jikkommettu offiża kontra l-pudur b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku; kif ukoll billi bl-egħmil tagħhom xewxu u/jew saħħew il-volonta ta' Anwar u Hasan sabiex jikkommettu r-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur ta' ***Omissis***;

talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija :
(a) kwantu għal Abuker Ahmed Abdilrahman għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 42(d), 43, 209 u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.
(b) kwantu għal Omar Osman Omar (reċidiv f'delitt) għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 42(d), 43, 49,

50, 209 u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

9. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa` Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta’ lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta’ filgħodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, fil-Marsa, f’post pubbliku, l-akkużati ħatfu, issekwestraw u immobilizzaw lil ***Omissis*** bil-għan li din tiġi stuprata, kif fil-fatt seħħ mill-akkużati Hasan u Anwar. Illi waqt din l-aggressjoni u stupru, Hasan kien qiegħed iżomm f’idu strument li jaqta jew iniggeż (sikkina) liema sikkina huwa żamm f’idu anke waqt li kien qiegħed jistupra lil ***Omissis***. Illi f’mument minnhom l-akkużat Muhammed Ali Hasan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddiehor (***Omissis***) f’periklu ċar, ta daqqa b’din is-sikkina fuq geddumha u kkagunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, jew ġabilha disordni f’moħħha; b’dan li l-offiża titqies li hija waħda gravi peress li tista ggib sfreġju fil-wiċċ ta’ ***Omissis***.

Illi b’għemilu l-imsemmi Muhammed Ali Hasan sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddiehor (***Omissis***) f’periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ persuna oħra, jew ġabilha disordni f’moħħha u dan permezz ta’ strument li jaqta jew iniggeż; b’dan li l-offiża titqies li hija waħda gravi peress li tista ggib sfreġju fil-wiċċ ta’ ***Omissis***.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, akkuża lill-imsemmi Muhammed Ali Hasan ħati talli, għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddiehor f’periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ persuna oħra (***Omissis***), jew ġabilha disordni f’moħħha u dan permezz ta’ strument li jaqta jew iniggeż; b’dan li l-offiża titqies li hija waħda gravi peress li tista ggib sfreġju fil-wiċċ ta’ ***Omissis***;

U talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Muhammed Ali Hasan u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa erba' snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 216(1)(b), 217, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

10. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ghaxar Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, l-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar daħlu fil-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis*** fl-Open Centre tal-Marsa, ħatfuha minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda u kaxkruha l-barra minn din il-kamra lejn id-direzzjoni ta' post mudlam u maħmuġ bil-ħsieb li hemm tiġi stuprata. L-akkużati qabduha, ħatfuha u żammewha kontra r-rieda tagħha filwaqt li kaxkruha għal taħt siġra fuq il-ħamrija viċin ta' skip li fih jintrema l-iskart u l-ħmieġ. ***Omissis*** bdiet tgħajjat lill-Hakim Babangida Kasim għall-ajjut għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni. Hakim prova jeħodha mal-akkużati biex iwaqqafhom. Iżda f'dak il-ħin daru għalih Muhammed Ali Hasan (li kien armat b'sikkina) u Anwar Otman Hasan. Hasan dawwar is-sikkina li kellu f'idu u ippontaha fid-direzzjoni ta' Hakim, filwaqt li Anwar qabad lil Hakim mill-kozz t'għonqu. F'dawn il-mumenti Hakim ġie miżmum minn Hasan u minn Anwar kontra l-volonta tiegħu u kellu l-liberta tal-moviment tiegħu impeduta u dan bil-għan li Hakim ma jkunx jista jwaqqafhom mill-pjan li jistupraw lil ***Omissis***, kif fil-fatt sar; L-akkużati Hasan u Anwar ma kellhomx ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil xi persuna.

Illi b'għemilhom l-imsemmija akkużati Muhammed Ali Hasan u Anwar Otman Hasan, saru ħatja talli, bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li

fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volontà tagħha (Hakim Babangida Kasim), jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan u Anwar Otman Hasan ħatja talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa bla ordni skont il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużati Muhammed Ali Hasan u Anwar Otman Hasan, illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija minn sebgħa xhur sa' sentejn, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86 u 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzati.

11. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hdax il-Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, l-akkużati Muhammed Ali Hasan armat b'sikkina u Abuker Ahmed Abdilrahman armat bi flixkun tal-inbid, resqu lejn Hakim u ħebbew għalih waqt li Abuker qallu li wara riedu jmorru huma jkollhom x'jaqsmu ma' ***Omissis***. Wara li Hakim mar jitlob l-għajnuna lis-suldat li jkun għassa maċ-Ċentru Miftuh, Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman, Anwar Otman Hasan u Omar Osman Omar daħlu fil-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis*** fl-Open Centre tal-Marsa, ħatfuha minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda u kaxkruha l-barra minn din il-kamra u l-hemm mill-Open

Centre. L-akkużati qabduha, ħatfuha u żammewha kontra r-rieda tagħha filwaqt li kaxkruha għal taħt siġra fuq il-ħamrija. ***Omissis*** bdiet tgħajjat lill-Hakim Babangida Kasim għall-ajjut għax ma setgħetx tikkontrolla s-sitwazzjoni. Hakim prova jeħodha mal-akkużati biex iwaqqafhom. Iżda f'dak il-ħin Muhammed Ali Hasan (li kien armat b'sikkina) u Anwar Otman Hasan daru għal Hakim u ħebbew għalih bil-ħsieb li jinġurjawh jew jagħmlulu l-ħsara. Hasan dawwar is-sikkina li kellu f'idu u ippontaha fid-direzzjoni ta' Hakim, filwaqt li Anwar qabad lil Hakim mill-kozz t'għonqu.

Illi b'għemilhom l-imsemmija akkużati Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Anwar Otman Hasan, saru ħatja talli ħebbew għal Hakim Babangida Kasim bil-ħsieb li jinġurjawh jew jagħmlulu l-ħsara.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdulrahman u Anwar Otman Hasan ħatja talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa ħebbew għal Hakim Babangida Kasim bil-ħsieb li jinġurjawh jew jagħmlulu l-ħsara;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużati Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdulrahman u Anwar Otman Hasan, illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' detenzjoni għal żmien mhux aktar minn xahrejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(d), 12, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzati.

12. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tnax il-Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, l-akkużati

Muhammed Ali Hasan armat b'sikkina u Abuker Ahmed Abdilrahman armat bi flixkun tal-inbid iddeċidew li jersqu lejn Hakim u minbarra li ħebbew għalih, Abuker qallu li wara riedu jmorru huma jkollhom x'jaqsmu ma' ***Omissis***. Dan l-aġir nissel f'Hakim sensazzjoni ta' biża li ser tintuża vjolenza kontra tiegħu minn dawn l-akkużati; tant li Hakim mar jitlob l-għajnuna lis-suldat li jkun għassa maċ-Ċentru Miftuh. Fil-fatt wara li Muhammed Ali Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman, Anwar Otman Hasan u Omar Osman Omar daħlu fil-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis*** fl-Open Centre tal-Marsa u ħatfuha minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda u kaxkruha l-barra minn din il-kamra u l-hemm mill-Open Centre, Hakim prova jeħodha mal-akkużati biex iwaqqafhom. Iżda f'dak il-ħin Muhammed Ali Hasan (li kien armat b'sikkina) u Anwar Otman Hasan daru għal Hakim u ħebbew għalih bil-ħsieb li jagħmlulu l-ħsara permezz tal-vjolenza. Hasan dawwar is-sikkina li kellu f'idu u ippontaha fid-direzzjoni ta' Hakim, filwaqt li Anwar qabad lil Hakim mill-kozz t'għonqu.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan u Abuker Ahmed u Abdilrahman saru ħatja talli użaw vjolenza biex iġiegħelu lil xi ħadd (Hakim Babangida Kasim) li jagħmel, iħalli jsir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmija Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan u Abuker Ahmed Abdilrahman li saru ħatja talli għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa użaw vjolenza biex iġiegħelu lil xi ħadd (Hakim Babangida Kasim) li jagħmel, iħalli jsir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi l-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan u Abuker Ahmed Abdilrahman jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa' tliet snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251, 250(2), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew

għal kull piena oħra li tista’ skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

13. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tlettax il-Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta’ lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta’ filgħodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu, fil-Marsa, l-akkużati Muhammed Ali Hasan, Anwar Otman Hasan, Abuker Ahmed Abdilrahman u Omar Osman Omar daħlu fil-kamra fejn kienet rieqda ***Omissis*** fl-Open Centre tal-Marsa, ħatfuha kontra r-rieda tagħha minn fuq is-sodda fejn kienet rieqda u kaxkruha l-barra minn din il-kamra u l-hemm mill-Open Centre u ħaduha taħt siġra qalb il-ħamrija bil-ħsieb li tkun tista tiġi hemmhekk stuprata, kif fil-fatt sar. Ftit qabel ma Hasan u Anwar stuprawha, huma kienu daru kontra Hakim Babangida Kasim (“Hakim”) li kien prova jwaqqafhom milli jagħmlu ħsara lil ***Omissis***. F’dak il-mument, Hasan kien b’sikkina f’idu u qabad din l-arma u ppuntaha fid-direzzjoni ta’ Hakim. Wara, waqt li Hasan kien għadu qiegħed jistupra lil ***Omissis*** huwa qabad ukoll din l-arma kontra ta’ ***Omissis*** b’mod li kkaġunalha wkoll ferita ta’ natura gruvi f’geddumha. Waqt li Hasan kien qiegħed jistupra lil ***Omissis***, kien laħaq resaq viċin Hakim. Hekk kif Hasan induna li kien hemm dan Hakim, waqt li f’idejh kellu strument li jaqta jew iniggeż, inqala minn ma ***Omissis***, qam minn fuq ***Omissis***, qabad din l-arma kontra Hakim u xejjirha għal darb’oħra fid-direzzjoni ta’ Hakim.

Illi b’għemilu l-imsemmi Muhammed Ali Hasan sar ħati talli qabad armi kontra n-nies u ċioe kontra ta’ Hakim u ***Omissis***.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta’ lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f’dan il-kap t’akkuża, akkuża lill-imsemmi Muhammed Ali Hasan ħati talli, għall-ħabta tat-tlieta ta’ fil-għodu tad-dsatax (19) ta’ Marzu tas-sena

elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa qabad armi kontra nies u ċioe kontra ta' Hakim Babangida Kasim u ***Omissis***.

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Muhammed Ali Hasan illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' detenzjoni għal żmien mhux aktar minn xahrejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(d), 12, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzat.

14. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Erbatax il-Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa, f'post pubbliku, l-akkużati ħatfu, issekwestraw u immobilizzaw lil ***Omissis*** bil-għan li din tiġi stuprata, kif fil-fatt seħħ mill-akkużati Hasan u Anwar. Waqt din l-aggressjoni u stupru, Hasan kellu fuq il-persuna tiegħu ossija kien qiegħed iġomm u jżomm f'idu strument li jaqta jew inniggeż (sikkina) liema sikkina huwa żamm f'idu anke waqt li kien qiegħed jistupra lil ***Omissis*** u f'mument minnhom l-akkużat Muhammed Ali Hasan, ikkommetta reat kontra l-persuna ta' ***Omissis*** billi ta daqqa b'din is-sikkina fuq geddumet ***Omissis*** u kkagunalha offiża fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, jew ġabilha disordni f'moħħha b'dan li l-offiża titqies li hija waħda gravi peress li tista ġġib sfreġju fil-wiċċ ta' ***Omissis***.

Illi b'għemilu l-imsemmi Muhammed Ali Hasan sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr skop leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Muhammed Ali Hasan ħati talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena

elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr skop leġittimu;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Muhammed Ali Hasan illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn erba' snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzat.

15. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hmistax il-Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija fil- kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu, fil-Marsa Muhammed Ali Hasan kellu fuq il-persuna tiegħu u kien qiegħed iġorr sikkina, barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu. L-akkużat fil-fatt ta daqqa b'din is-sikkina fuq geddumet ***Omissis*** u kkaġunalha offiża ta' natura gravi. L-akkużat ma kienx debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex iġorr din is-sikkina barra minn fond jew id-dintorni tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Muhammed Ali Hasan sar ħati talli kellu fuq il-persuna tiegħu u kien qiegħed iġorr sikkina, jew strument li jaqta jew bil-ponta ta liema xorta jkun barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Muhammed Ali Hasan ħati talli, għall-ħabta tat-tlieta ta' fil-għodu tad-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fil-Marsa kellu fuq il-persuna tiegħu u kien qiegħed iġorr sikkina, jew strument li jaqta jew bil-ponta ta liema xorta jkun barra minn xi fond jew id-

dintorni tiegħu mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Muhammed Ali Hasan illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkuzat.

16. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sittax il-Kap illi fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2007, l-akkużat Abuker Ahmed Abdilrahman, flimkien ma' persuni oħra sgassa billi kisser tieqa tal-bieb tad-dħul tal-uffiċju tal-Aġenzija Appoġġ li jinsab fiċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal-Far limiti taż-Żurrieq u minn hemm seraq diversi oġġetti fosthom computers, apparat telefoniku u diversi cheques li l-import totali tagħhom kien jammonta għal madwar elfejn mija u għoxrin Liri Maltin (Lm2120) ekwivalenti għal ċirka erbat elef disa mija tmienja u tletin Euro sebgħa u għoxrin Euro ċenteżmi (€4938.27) u dan għad-dannu ta' diversi persuni li jirrisjedu fiċ-Ċentri Miftuħa.

Illi l-akkużat Abuker Ahmed Abdilrahman żamm uħud minn dawn ic-cheques li kienu ġew misruqa kif hawn fuq imsemmi fil-kartiera tiegħu. Fil-fatt fid-19 ta' Marzu 2007 il-Pulizija kienu marru jagħmlu tiftix in konnessjoni mad-denunzja tal-istupru li kien ġie kommess fuq ***Omissis*** fiċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa. Meta waslu fil-kamra li kien rieqed fiha l-akkużat Abuker għamlu tiftix fl-imħadda u fis-saqqu li fuqu kien rieqed. Hemmhekk il-Pulizija sabu, fost affarijiet oħra madwar ħamsa u tletin cheque li kienu maħruġin lil nies differenti u li kellhom il-firma ta' Fr. Alfred Vella mill-Kummissjoni Emigranti u li kienu ġew misruqa kif spjegat aktar il-fuq.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abuker Ahmed Abdilrahman sar ħati ta' serq ta' cheques u oġġetti li jiswew aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erba' u disgħin ċenteżmu

(€232.94) liema serq huwa kwalifikat bil-mezz (ksur u sgass), valur u ħin stante li seħħ matul il-lejl.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Abuker Ahmed Abdilrahman, li sar ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2007 mill-uffiċju tal-Aġenzija Appoġġ li jinsab fiċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal-Far limiti taż-Żurrieq ikkommetta serq ta' diversi cheques u oggetti oħra li jiswew aktar min mitt liri Maltin ekwivalenti għal mitejn tnejn u tletin Euro u erba' u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema serq huwa kwalifikat bil-mezz (ksur u sgass), valur u ħin stante li seħħ matul il-lejl;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' prigunerija minn tmintax il-xahar sa disa' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 261(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280(2) 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

17. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sbatax il-Kap illi fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2007, l-akkużat Abuker Ahmed Abdilrahman, flimkien ma' persuni oħra sgassa billi kisser tieqa tal-ħġieġ tal-bieb tad-dħul tal-uffiċju tal-Aġenzija Appoġġ li jinsab fiċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal-Far limiti taż-Żurrieq u wkoll volontarjament għamel ukoll ħsara fil-bieb tal-istess uffiċju nonche minn hemm seraq diversi oġġetti fosthom computers, apparat telefoniku u diversi cheques, liema ħsara saret għad-dannu tal-Aġenzija Appoġġ liema ħsara ma kienetx tiskorri l-mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (116.47).

Illi b'għemilu l-imsemmi Abuker Ahmed Abdilrahman sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli liema ħsara saret għad-dannu tal-Aġenzija Appoġġ liema ħsara ma kienetx

tiskorri l-mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Abuker Ahmed Abdilrahman, li sar ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2007 volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli b'dan illi l-ħsara saret għad-dannu tal-Aġenzija Appoġġ u liema ħsara ma kienetx tiskorri l-mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (116.47);

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija sa mhux iżjed minn sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(c), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

18. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmintax il-Kap illi nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2007 u fil-ġranet u fil-jiem ta' qabel, Abuker Ahmed Abdulrahman u Muhammed Ali Hasan kienu marru fit-take away li jismu "3 in 1" li jinsab fil-Marsa bil-ħsieb li jakkwistaw xi ikel, xorb u sigaretti. Huma ma riedux li jħalsu għal dawn il-prodotti. Kienu jafu li sid il-kiosk, Geranzio Bartolo, kien jaċċetta li minflok jitħallas bi flus kontanti mingħand ir-residenti taċ-Ċentri Miftuħa li kienu jixtru l-ikel, xorb u bżonnijiet oħra mingħandu, jitħallas permezz taċ-cheques li kienu jinħarġu mensilment lil dawn ir-residenti bħala għajnuna għall-għixien tagħhom. Wara Geranzio Bartolo kien imur isarraf dawn ic-cheques il-bank. Biss f'dan il-każ, l-akkużati Abuker u Hasan, konsapevoli tal-fatt li dawn ic-cheques li kienu ser jippreżentaw kienu misruqa, b'mezzi kontra l-liġi, f'ħinijiet differenti ta' dik il-ġurnata, b'qerq u ingann wara li ordnaw u ħadu ikel u sigaretti, ippużaw li huma d-detenturi legali tac-cheques in kwistjoni u ppreżentaw bi ħlas lil Geranzio Bartolo, żewġ cheques li, ma setgħux jissarfu legalment minn banek kummerċjali

għaliex kienu misruqin.  Fil-fatt meta Geranzio Bartolo mar biex isarrafhom il-bank, dawn kienu ġew rifjutati mill-Bank peress li kienu misruqin.  B'hekk Abuker u Hasan għamlu qliegħ b'qerq bi ħsara ta' Geranzio Bartolo.

Illi b'egħmilhom l-akkużati Abuker Ahmed Abdilrahman u Muhammed Ali Hasan saru ħatja talli b'mezzi kontra l-liġi, u b'qerq u ingann u billi wrew ħaġa b'oħra sabiex titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew krediti immaġinarji, għamlu qliegħ bi ħsara ta' Geranzio Bartolo.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża,  akkuża lill-imsemmija Abuker Ahmed Abdilrahman u Muhammed Ali Hasan, li saru ħatja talli, fit-18 ta' Marzu 2007 u fil-ġranet u fil-jiem ta' qabel fil-Marsa b'mezzi kontra l-liġi, b'qerq u ingann u billi wrew ħaġa b'oħra sabiex titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew krediti immaġinarji għamlu qliegħ bi ħsara ta' Geranzio Bartolo;

u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 308, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi l-akkuzati wiegbu illi ma kienux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur u l-Avukati Difensuri.

Ikkunsidrat :

Tajjeb li qabel ma l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet taghha jkun hemm affermazzjoni ta' principju.

Salv restrizzjonijiet ta' proprjeta` privata w dawk imposti minn awtoritajiet kompetenti, Malta hi ta' kulhadd. Kulhadd jista` jmur fejn irid, kif irid, ma' min irid u meta jrid. Ma' hawn ebda "no go areas" fit-teritorju Malti u kulhadd ghandu dritt igawdi mill-protezzjoni tal-Ligi, jkun fejn ikun f'dan it-teritorju.

***Omissis*** kellha kull dritt tkun fejn kienet u jekk kien hemm xi rgiel li ma hadux gost bil-prezenza taghha jew interpretaw din il-prezenza bil-mod kif riedu huma, din hi problema taghhom u mhux ta' ***Omissis*** li ma kienet qed taghmel xejn hazin u kellha kull dritt tippretendi r-rispett ghall-inkolomita` tal-persuna taghha. Dan ma sarx u l-erba` akkuzati qeghdin iwiegbu ghall-akkuzi illi jolqtu direttament u serjament l-inkolomita` tal-istess ***Omissis***.

Dana stabbilit, il-Qorti issa tghaddi biex tikkonsidra l-Kapi tal-Akkuza w tibda biex tiddisponi mill-Kapi numru 16, 17 u 18 peress illi dawn jittrattaw reat kontra l-proprjeta` illi sar qabel ir-reat kontra l-persuna li jkopru l-Kapi principali ta' dan l-Att tal-Akkuza.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fil-25 ta' Frar, 2007 sar sgass fl-ufficju tac-Centru Miftuh ta' Hal-Far. L-ewwel ma nduna b'din is-serqa kien Jesmond Grech illi huwa "care worker" fic-Centru, li rraporta l-ewwel lil Mario Camilleri, koordinatur f'Hal-Far u wara lill-Pulizija. Minn din is-serqa naqsu "TFT monitor", set "speakers", "modem tal-internet, mobile phone u charger u CDs". Kien hemm ukoll kwantita` ta' "cheques" misruqa, liema cekkijiet jammontaw b'kollox ghal elf u sitt mitt lira. Saret ukoll hsara fl-ufficju li ma teccedix Euro 116.47. F'dak l-istadju ma kienx maghruf min wettaq dan ir-reat, pero` fid-19 ta' Marzu 2007 l-akuuzati Muhammed Ali Hasan u Abuker Ahmed Abdulrahman marru fir-"restaurant" maghruf bhala "Marsa Take Away Three in One" gestit minn Geranzio Bartolo u ordnaw xi ikel minn ghandu. Peress li ma kellhomx flus Muhammed Ali Hasan u Abuker Ahmed Abdulrahman offrew illi jhallsu lil Bartolo permezz ta' zewg cekkijiet.

Wara li Bartolo ghamel il-verifiki tieghu u ha il-parir ta' wiehed illi kien parruccan tal-hanut, u wara li accerta ruhu illi fuq wara tac-cekkijiet kien hemm il-firem tal-koordinatur u tal-persuni awtorizzati biex johorgu dawn ic-cekkijiet, Bartolo accetthom bhala hlas. Wara xi granet mar jiddepozita c-cekkijiet il-bank izda dawn ma ssarfux peress illi kien hemm "stop payment" fuqhom, wara li rrizulta illi gew neqsin mis-serqa li kienet saret mic-Centru ta' Hal-Far fil-25 ta' Frar. Aktar tard dik il-gurnata tad-19 ta' Marzu 2007 meta kienet qeghda ssir l-investigazzjoni dwar l-istupru fuq ***Omissis***, w waqt it-tfixxija fic-Centru Miftuh tal-Marsa, taht l-imhadda tas-sodda fejn kien rieqed Abuker Ahmed Abdulrahman instabet kartiera w affarijiet ohra gejjin minn serq. Fil-kartiera kien hemm kwantita` kbira ta' cekkijiet illi wara rrizulta illi kienu dawk misruqa ftit qabel mic-Centru Miftuh ta' Hal-Far.

Mitlub jispjega din is-sejba Abuker Ahmed Abdulrahman qal illi kien issellef imhadda ta' haddiehor u ma' kienx jaf bil-prezenza tar-refurtiva go l-imhadda tieghu!

Din il-Qorti ssib illi din l-ispjegazzjoni hija verament fjakka w inverosimili aktar u aktar meta rrizulta illi fil-kartiera fejn instabu c-cekkijiet kien hemm l-"ID card" ta' Abuker Ahmed Abdulrahman.

Fuq dawn il-provi l-Qorti tista` serenament tasal ghall-konkluzzjoni illi Abuker Ahmed Abdulrahman wettaq is-serqa fic-Centru Miftuh ta' Hal-Far, dana fuq l-iskorta tat-teorija "recent possession" li tawtorizza lill-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li dak li jkun, ghandu jinstab hati ta' serq meta jirrizulta, fost affarijiet ohra, li s-sejba tar-refurtiva tkun instabet fil-pussess volut ta' dak li jkun fiz-zmien vicin meta giet irrapurtata s-serqa w li f'dan it-terminu ma tantx kien hemm opportunita` sabiex dak li jkun jiddisponi mir-refurtiva.

F'dan il-kaz irrizulta illi l-akkuzat Abuker Ahmed Abdulrahman kien fil-pussess volut ta' kwantita` kbira ta' cekkijiet illi rrizulta li kienu misruqin ftit tal-granet qabel minn Centru Miftuh ta' Hal-Far.

L-akkuzat Abdulrahman ma ta l-ebda spjegazzjoni logika kif gie fil-pussess ta' dawn ic-cekkijiet u ghalhekk din il-Qorti ssib illi ghandu jwiegeb ghas-16 u s-17 il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Rigward it-18 il-Kap irrizulta ppruvat ukoll illi Abuker Ahmed Abdulrahman u Muhammed Ali Hasan uzaw dawn ic-cekkijiet sabiex iqqarqu lil Geranzio Bartolo tat-"Three in One Take Away" tal-Marsa.

Iz-zewg akkuzati kienu jafu illi dawk ic-cekkijiet kienu gejjin mis-serq u kellhom provenjenza llecita`, madankollu ppruvaw jghadduhom bhala li jappartjenu lilhom infushom u li setghu juzawhom bhala korrispottiv ghax-xiri ta' ikel. Dan il-qerq kien wiehed effettiv ghaliex Bartolo waqa` ghan-nasba illi hejjew iz-zewg akkuzati li ottjenew dak li ma kienux intitolati ghalih u ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi Abuker Ahmed Abdulrahman u Muhammed Ali Hasan ghandhom iwiegbu ghat-18 il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra l-akkuzi principali mressqa kontra l-akkuzati u cioe` dawk ta' stupru vjolenti aggravat, komplicita` f'dan l-istupru, sekwestru tal-persuna, attentat vjolenti ghall-pudur u vjolenza kontra l-persuna.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-Hadd 18 ta' Marzu 2007 ***Omissis*** w Hakim Babaginda Kasim (aktar il-quddiem maghruf bhala Hakim) iltaqghu fid-Diana Kiosk, il-Belt, Valletta ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofsinhar. Hemmhekk xorbu diversi flixken tal-birra u baqghu kwazi sat-8 ta' filghaxija.

***Omissis*** bdiet tilmenta illi kellha ugieh f'darsitha w riedet tiehu xi pilloli ghall-ugieh. Peress li kien il-Hadd filghaxija u l-ispizeriji kienu kollha maghluqin Hakim issuggerixxa illi jmorru c-Centru Miftuh tal-Marsa fejn jaf illi kien hemm hanut illi setghet tixtri dawn il-pilloli. Ghalhekk qabdu l-karozza tal-linja w morru c-Centru Miftuh tal-Marsa fejn hemmhekk xtraw il-pilloli. Wara li hadet dawn il-pilloli,

***Omissis*** ssugeriet illi qabel ma tmur id-dar tiehu flixkun birra fit-“Tiger Bar” illi hemm vicin ic-Centru. Ghalhekk Hakim u ***Omissis*** marru f’dan il-“bar” u bdew jixorbu, izda kien hemm il-muzika w ***Omissis*** kienet qed tiehu gost u baqghet fil-bar tixrob u tizfen. Ta’ minn isemmi illi ***Omissis*** kienet l-unika mara f’dan il-bar. Wara xi hin l-akkuzat Anwar Otman Hasan resaq fuq Hakim u staqsih dwar ***Omissis*** w jekk kienitx it-tfajla tieghu u ghaliex kienet qed tizfen b’dak il-mod. Hakim stqarr mieghu illi ***Omissis*** ma kienitx it-tfajla tieghu u li fi kwalunkwe kaz setghet tizfen kif riedet peress illi dan huwa pajjiz liberu.

Wara hafna hin ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu l-“barman” indika illi kien ser jaghlaq il-hanut u ***Omissis*** sabet ruhha f’posizzjoni illi ma setghetx tmur id-dar il-ghaliex ma kienx hemm karozzi tal-linja jahdmu dak il-hin u lanqas ma kellha flus fuqha sabiex taqbad “taxi”. Kien hawn hekk illi Hakim issuggerixxa illi torqod fil-kamra tieghu fic-Centru Miftuh tal-Marsa. Hadha hemmhekk, poggiha fuq is-sodda tieghu u raqdet waqt illi hu kien qieghed jirranga saqqu mal-art sabiex jorqod barra l-kamra. Waqt illi kien qieghed barra l-kamra resqu fuq Hakim tlett irgiel, Abuker Ahmed Abdulrahman li kellu f’idejh flixkun tal-inbid, Hasan Ali Muhammed illi kellu sikkina f’idu u ragel iehor mhux maghruf.

Abuker Ahmed Abdulrahman staqsa lil Hakim dwar ***Omissis*** u fejn kien ir-ragel li kien qed jizfen maghha. Hakim qallu illi r-ragel ma kienx hemm izda Abdulrahman insista ma’ Hakim illi wara li hu jlesti minn maghha kien imiss lilhom imorru ma’ ***Omissis***. Hawnhekk Hakim qallhom illi ***Omissis*** kienet habiba tieghu, ma kienitx xi prostituta w qalilhom biex ihalluha bi kwietha. Pero` Hakim tant beza` mill-mod kif kienu qeghdin igibu ruhhom Abuker Abdulrahman u Muhammed Ali Hasan li ddecieda li jmur jitlob l-ghajnuna tas-suldat li jkun ghassa fil-bieb centrali tal-“Open Centre”.

Minn hawn il-quddiem tibda l-kontestazzjoni tad-difiza ghal verzjoni moghtija minn Hakim.

Skond Hakim meta gie lura f'kamartu Abuker Ahmed Abdulrahman u Muhammed Ali Hasan flimkien ma' Anwar Otman Hasan u Omar Osman Omar kienu lahqu rrnexielhom jifthu l-bieb, jithlu gewwa, hargu lil ***Omissis*** mill-kamra fejn kienet, bdew igebdu u jkaxkruha minn idejha u johduha lil hemm mill-"Open Centre". Dak il-hin ***Omissis*** ma kienitx f'sensiha ghal kollox peress illi kienet xorbot hafna birra w bdiet tixxengel 'l u 'l hemm u tghajjat lil Hakim biex imur jghinha, haga li ma setax jaghmel f'dik is-sitwazzjoni. Ghalhekk Hakim cempel lill-Pulizija ghall-ghajnuna w mar jipprova jwaqqaf lil dawn l-irgiel billi jaghmlu xi hsara lil ***Omissis***, izda skond Hakim Abuker Ahmed Abdulrahman waqfu milli jistakulhom milli hatfu mill-koz ta' ghonqu u zammu, waqt illi Muhammed Ali Hasan resaq ukoll lejh u ppuntalu s-sikkina izda wara ftit telquh. Meta Hakim ra illi ma seta` jaghmel xejn ma' dawn l-irgiel, telaq ix-xena w mar ifittex lis-suldat u meta gie lura flimkien mas-suldat Hakim seta` jara lil ***Omissis*** mitfugha fl-art b'Muhammed Ali Hasan jaghmel mossi sesswali fuqha. Kif Muhammed Ali Hasan induna bil-presenza ta' Hakim u s-suldat telaq jigri minn fuq il-post u halla warajh qmis bajda tieghu. Sussegwentement minn ezamijiet forensici rrizulta illi fuq din il-qmis kien hemm demm ta' ***Omissis*** kif ukoll likwidu seminali ta' Muhammed Ali Hasan.

Dan it-trapass ta' hin bejn li Hakim telaq lill-aggressuri biex ifittex lill-Pulizija w rritorna fuq ix-xena gie mimli bir-rakkont tal-istess ***Omissis***.

Dina tirrikonoxxi li dak il-hin hi kienet fis-sakra w ma kienitx qed tirrealizza x'kien qed jigri, sakemm Hakim qalilha illi kienet ser tigi stuprata w hawnhekk, fil-pedana tax-xhud tassigurana illi giet f'sensiha. Taf zgur illi kienet qed tigi merfugha jew imbuttata minn tlett irgiel u fosthom kien hemm l-akkuzat Omar Osman Omar illi kienet taf minn qabel. It-tnejn l-ohra ma kienitx tafhom. Taf illi f'xi hin gie mitfugha fl-art u giet stuprata minn tlett irgiel u tant kienet imwerwra w disgustata b'dak illi kien qed jigrilha illi ma rieditx thares lejn l-ucuh. Taf biss illi giet penetrata tlett darbiet u semmiet lil Omar Osman Omar bhala wiehed minn dawn it-tlieta illi stuprawha. Peress illi Hakim

lahaq ukoll cempel lill-Pulizija wara ftit dawn gew fuq ix-xena tad-delitt u hadu lil ***Omissis*** l-isptar fejn gie ccertifikat illi kienet qed tbati minn ferita lacero kontuza f'geddumha illi giet ikkawzata bi strument illi jaqta`. L-unika persuna illi kellu strument illi jaqta` f'dan l-incident kien Muhammed Ali Hasan u l-istess Hakim jirrakonta illi meta gie fuq l-att ta' stupru, Muhammed Ali Hasan kien ghad kellu s-sikkina f'idejh.

Il-Pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha w naturalment Hakim kien ix-xhud principali taghha. Dana beda biex indika lill-Pulizija li wiehed minn nies involuti f'dan l-incident kellu l-"poster" tieghu f'riklam illi kien imdendel fic-Centru. Dan il-"poster" kien jindika r-ritratt ta' Omar Osman Omar.

Il-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni taghha, arrestat lil Omar Osman Omar li kkoopera maghha w indika l-persuni l-ohra illi setghu kienu involuti f'dan l-incident, pero` hu stess innega kwalunkwe koonvolgiment f'dan l-istupru, ghad illi ammetta illi huwa pprova jindahal sabiex izomm lil haddiehor milli jiehu lil ***Omissis*** barra mic-Centru, izda meta gie mhedded hu resaq lura.

Fil-kors ta' din l-investigazzjoni l-Pulizija wkoll wettqu tfixxijiet fic-Centru Miftuh fejn, fl-investa tal-imhadda tas-sodda li kien rieqed fuqha Abuker Ahmed Abdilrahman instabu l-oggetti illi kienu misruqa minn serqa maghmula mic-Centru Miftuh ta' Hal-Far ftit tal-granet qabel. Dan flimkien ma' Muhammed Ali Hasan, Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan tressqu l-Qorti sabiex iwiegbu ghal dawn l-akkuzi. Minn dawn Omar Osman Omar ghazel li jofri d-deposizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, u dana qal illi huwa gie Malta f'Novembru 2002 u dak inhar il-Hadd filghaxija mar il-Belt biex jiltaqa` mat-tifel tieghu. Ghall-habta tal-11.00 ta' bil-lejl wasal fil-Marsa "Open Centre", mar it-"Tiger Bar" fejn hemmhekk ra lil Hakim u lil ***Omissis*** li kienet qeghda tizfen. ***Omissis*** dehret normali, ha xi birra w wara ftit mar lura fil-kamra tieghu biex jorqod. Wara xi ftit sieghat qam biex imur it-"toilet" u waqt illi kien qieghed hemmhekk sema` xi storbju, hareg minn hemm u ra lil ***Omissis*** fil-kumpanija ta' tlett irgiel ohra. Peress illi

kien jafha indahal biex jipprotegiha w jnehhiha minn idejn dawk l-irgiel, izda meta wiehed minnhom heddu b'sikkina, umbaghad ma ndahalx iktar u telaq 'l hemm. Innega illi huwa ghen lil haddiehor sabiex igorr lil ***Omissis*** w jistupraha. Minn dawk l-irgiel li kienu qeghdin igorruha wiehed biss ma kienx jaf u ra lil Hakim kien qieghed jipprova jzomm lil ***Omissis*** milli tittiehed barra mic-Centru. Meta Hakim twarrab biex imur ghas-suldat, Omar Osman Omar jghidilna illi hu warrab ukoll u beda miexi lejn it-"toilet" ghax hemmhekk halla xi sigaretti u affarijiet personali tieghu. Ra dawk l-erba` t'irgiel jidhlu fil-kamra pero` ma rahomx hergin. Is-suldat gie u rega` mar, ra irgiel imdawwrin ma' ***Omissis*** izda lilu heddewh b'sikkina w rega` telaq. Innega dak illi qal Hakim fuqu illi hu ghen sabiex tingarr ***Omissis***. Ammetta illi kien qqieghed fuq il-post imma dana ghamlu sabiex jipprotegi lil ***Omissis*** u mhux biex jaghmillha hsara.

Ikkunsidrat :

Il-verzjonijiet moghtija minn Hakim u ***Omissis*** jaqblu fis-sustanza minnbarra f'dettal wiehed. Filwaqt illi Hakim jghid illi ***Omissis*** dahlet gewwa l-kamra tieghu w kienet diga` fis-sodda tieghu qed jorqod meta giet imqajjma mill-erba` tirgiel u mahruga l-barra mic-Centru, ***Omissis*** ma tghidx dan u tghid biss illi wara mit-"Tiger Bar" hija w diehla fic-Centru giet mahtufa minn erbat irgiel, illi wiehed minnhom kien Omar Osman Omar. ***Omissis*** pero` tammetti illi wara li harget mit-"Tiger Bar" kienet xurbana sew.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ma tiskanta b'xejn b'din id-diskrepanza. Irrizulta ampjament ippruvat illi f'dak l-istat, f'dak il-hin tas-2.00 ta' filghodu ***Omissis*** kienet xurbana sew. Kienet ilha tixrob mis-1.00 ta' wara nofsinhar u zgur illi kien hemm mumenti illi setghu sfuggew il-memorja taghha, tort tas-sokor illi kienet fiha. Ghalhekk mhu xejn stramb illi dawk il-mumenti illi ***Omissis*** iddahlet fic-Centru sabiex torqod fuq is-sodda ta' Hakim ma tiftakrux, mentri kemm Hakim kif ukoll Omar Osman Omar it-tnejn jaqblu illi ***Omissis***

tharget bil-forza mill-kamra ta’ Hakim fejn kienet qeghda torqod. Ghalhekk din id-diskrepanza m’ghandix tirrifletti negattivament la fuq ix-xhieda ta’ Hakim u lanqas fuq ix-xhieda ta’ ***Omissis***.

Il-Qorti issa sejra telenka l-operat ta’ kull akkuzat minn dak li rrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni u sejra tevita kwalunkwe referenza illi Omar Osman Omar ghamel lil ko-akkuzati fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti.

Jinghad illi l-Qorti ssib ix-xhieda ta’ Hakim verasimili u ta’ min joqghod fuqha, peress illi hija kkooroborata kemm mill-verzjoni moghtija minn ***Omissis*** kif ukoll mic-cirkostanzi tal-kaz u anki l-ambjent fejn twettaq dan ir-reat.

Ikkunsidrat :

Mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-akkuzat Muhammed Ali Hasan kien wiehed mill-istupraturi ta’ ***Omissis***. Dana mhux talli nqabad fl-att meta dahal Hakim u s-suldat izda wkoll l-ezamijiet forensici li kkooroboraw dan l-att brutali illi wettaq fuq ***Omissis***.

Irrizulta illi fuq il-qmis tieghu instabu tracci ta’ demm ta’ ***Omissis*** u likwidu seminali tieghu. ***Omissis*** kellha qasma fuq geddumha li kienet maghmula bi strument illi jaqta`. L-unika persuna f’din il-vicenda illi kellu strument illi jaqta` kien proprju l-akkuzat Muhammed Ali Hasan. Ta’ min isemmi ukoll illi meta dan gie arrestat mill-Pulizija instab minghajr qmis u l-unika persuna li kien liebes qmis bajda qabel dan l-incident kien proprju l-akkuzat Muhammed Ali Hasan.

Ghalhekk il-provi forensici u dawk cirkostanzjali kif ukoll ix-xiehda okulari ta’ Hakim ma jhallu l-ebda dubju f’ghajnejn il-Qorti illi l-akkuzat <u>Muhammed Ali Hasan</u> wettaq stupru vjolenti aggravat fuq ***Omissis*** w ghandu jinstab <u>hati</u> tal-ewwel, it-tielet, is-sitta, s-seba`, d-disa`, l-hdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax u l-hmistax il-Kap ta’ l-Att tal-Akkuza, minnbarra it-tmintax il-Kap illi tieghi diga` instab hati fil-bidu ta’ dan il-gudikat.

Rigward l-akkuzat Anwar Otman Hasan irrizulta illi dan kien diga` staqsa dwar ***Omissis*** fit-"Tiger Bar" u Hakim jghidilna illi rah igorr lil ***Omissis*** 'l barra mill-"Open Centre" u li gharfu bhala wiehed min-nies involuti.

Bhala prova cirkostanzjali rrizulta illi demm u likwidu seminali instabu fuq iz-zarbun tieghu, izda ma hemm ebda prova ohra fil-konfront ta' l-akkuzat Anwar Otman Hasan.

Sabiex prova cirkostanzjali tkun tista` torbot fuqha trid twasslek ghal direzzjoni wahda biss. F'dan il-kaz din il-prova mhux necessarjament twassal illi l-akkuzat Anwar Otman Hasan wettaq xi stupru fuq ***Omissis*** peress illi jista` jkun hemm cirkostanza ohra kif dan il-likwidu seminali tieghu spicca fuq iz-zarbun tieghu u lanqas ma tista` l-Qorti tkun konvinta fi grad li trid il-Ligi illi l-akkuzat Anwar Otman Hasan kien komplici fir-reat ta' stupru. Dana l-ghaliex, skond l-istess Hakim, meta segwih ra illi kien sejjer f'direzzjoni opposta minn fejn kien qed isir l-istupru.

Ghalhekk il-Qorti mhijiex sodisfatta illi kien hemm dak il-"common design" f'mohh l-akkuzat Anwar Otman Hasan sabiex jitwettaq dan ir-reat. Pero` irrizulta ampjament ippruvat illi Anwar Otman Hasan kien wiehed minn dawk l-irgiel illi hatfu lil ***Omissis*** mill-kamra fejn kienet rieqda biex harguha barra.

F'dak l-istadju, f'dawk ic-cirkostanzi, zgur illi kien hemm l-intenzjoni generika illi jsir xi attentat fuq il-pudur ta' ***Omissis***.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx lill-akkuzat Anwar Otman Hasan hati ta' stupru vjolenti aggravat skond l-ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza u lanqas hati tas-seba` Kap izda ssibu hati ta' sekwestru tal-persuna aggravat skond it-tielet Kap u ukoll hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur skond ir-raba` Kap, issibu wkoll hati tas-sitt Kap illi uza vjolenza biex igieghel lil ***Omissis*** taghmel xi haga kontra l-volonta` taghha.

Ikkunsidrat :

Rigward l-akkuzat Abuker Ahmed Abdulrahman dana wkoll irrizulta illi kien wiehed mill-persuni illi hataf lil ***Omissis*** mill-kamra fejn kienet rieqda biex harigha barra w kien il-persuna wkoll li aggredixxa lil Hakim meta hatfu minn ghonqu u qallu biex jitlaq ‘l hemm u ma jindahalx. Abdulrahman kien ukoll il-persuna illi kellu flixkun ta’ l-inbid f’idejh. Ma hemm l-ebda prova ohra fil-konfront tieghu.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-akkuzat <u>Abuker Ahmed Abdulrahman</u> ghandu jinstab <u>hati</u> tas-sekwestru tal-persuna aggravat skond it-tielet Kap ukoll hati ta’ komplici f’attentat vjolenti ghall-pudur skond il-hames Kap kif ukoll illi uza vjolenza biex igieghel lil ***Omissis*** biex taghmel xi haga kontra r-rieda taghha skond is-sitt Kap, issibu hati talli hebb ghal Hakim skond il-Hdax il-Kap u li uza vjolenza biex igieghlu lil Hakim jaghmel xi haga kontra r-rieda tieghu skond it-tnax il-Kap, dana oltre d-dikjarazzjoni ta’ htija skond is-sittax, is-sbatax u t-tmintax il-Kap fil-bidu ta’ dan il-gudikat, pero` ma ssibux hati tat-tmin Kap u minnu tilliberah.

Ikkunsidrat :

Ghar-rigward tal-akkuzat <u>Omar Osman Omar</u> il-kwistjoni hi daqsxejn aktar difficli minhabba d-dikjarazzjoni ta’ ***Omissis*** illi dana kien wiehed mill-persuni illi stuprawaha.

Ma hemmx dubju illi dan l-akkuzat Omar Osman Omar kien ben not ghan-***Omissis*** w li gharfitu bhala wiehed mill-persuni illi kien qed igorrha minn barra c-Centru, izda din il-Qorti ghandha dubji kbar kemm dana seta` kien involut fl-istupru, minkejja d-dikjarazzjoni ta’ ***Omissis***.

Il-Qorti tiehu l-konsiderazzjoni l-fatt illi ***Omissis*** kienet fi stat ta’ sokor avvanzat, u minhabba l-konoxxenza tieghu setghet gharfitu fil-mument illi kien qed jghin lill-ohrajn igorruha l-barra mic-Centru, hemm dubju kemm setghet gharfitu bhala wiehed mill-istupraturi. ***Omissis*** tghid car u tond illi dak il-hin illi kien qed jigi mwettaq ir-reat fuqha, hi

ma kienitx qeghda thares direttament lejn min kien qieghed jistupraha.  Ghalhekk zgur illi f'dak il-mument ma kienitx qeghda thares lejn dan l-akkuzat.

Ta' min isemmi illi kien hemm stupratur iehor illi ma giex identifikat la min Hakim u lanqas minn hadd.  Ghalhekk jista` jaghti l-kaz illi peress illi gharfitu qabel l-istupru u peress illi taf illi giet stuprata tlett darbiet, allura f'mohha assumiet illi dan l-akkuzat Omar Osman Omar seta` kien wiehed minnhom.

Il-Qorti pero` mhijiex ssodisfatta illi din l-identifikazzjoni tlahhaq il-grad ta' prova rikjesta mill-Ligi, lanqas ma' jista` jigi ppruvat illi kien komplici f'dan l-att ta' stupru l-ghaliex il-"common design" necessarju ghall-komplicita` flimkien ma' dawk in-nies li effettivament stupraw lil ***Omissis*** ma jirrizultax. Pero` l-Qorti hija sodisfatta illi l-akkuzat Omar Osman Omar ghen lill-persuni l-ohra sabiex johorgu lil ***Omissis*** l-barra mill-kamra w f'dak l-istadju kellu l-intenzjoni generika illi jikkawza hsara lill-pudur ta' ***Omissis***.
Ghalhekk filwaqt illi ma ssibx lil Omar Osman Omar hati ta' komplici fl-isfond tat-tieni akkuza, ssibu hati ta' sekwestru tal-persuna aggravat fl-isfond tat-tielet Kap tal-Akkuza, kif ukoll bhala komplici f'attentat vjolenti ghall-pudur fl-isfond tal-hames Kap tal-Akkuza wkoll issibu hati illi uza vjolenza biex gieghel lil ***Omissis*** taghmel xi haga kontra l-volonta` taghha fl-isfond tas-sitt Kap tal-Akkuza w fl-ahharnett ma ssibux hati bhala komplici li offenda l-pudur jew morali f'post pubbliku fl-isfond tat-tmin Kap tal-Att tal-Akkuza illi minnha tilliberah.

Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-akkuzat Muhammed Ali Hasan, wara li rat l-artikoli 198, 201(b), 202(d)(f), 17, 23, 31, 86, 87(1)(c)(g), u 207, 251, 250(2), 214, 216(1)(b), 217, 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 55 tal-Kap. 6, 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li qieset illi t-tielet Kap serva bhala mezz biex jigi ezegwit l-ewwel Kap u l-assorbimenti kull fejn dawn jirrikorru tikkundanna lill-akkuzat Muhammed Ali Hasan ghall-piena ta' prigunerija ta' hdax (11) il-sena.

Rigward l-akkuzat Abuker Ahmed Abdulrahman wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(g) u 17, 23 u 31, 251, 250(2), 339(1)(d), 251, 250(2), 261(b)(c)(f), 263(a), 261(1), 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280(2), 325(1)(c), 308, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, wara li qieset l-assorbimenti kull fejn dawn jirrikorru u l-konkorsi tal-pieni, tikkundanna lill-akkuzat Abuker Ahmed Abdulrahman ghall-piena ta' prigunerija ghall-hames (5) snin.

Fir-rigward tal-akkuzat Omar Osman Omar wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(g), 49, 50, 17, 23, 31, 42(d), 43, 207, 201(b), 202(d)(f), 251, 250(2), u wara li qieset l-assorbimenti kull fejn dawn jirrikorru kif ukoll il-konkorsi tal-piena w r-recidiva tal-akkuzat, tikkundanna lill-akkuzat Omar Osman Omar ghall-piena ta' prigunerija ta' erba` (4) snin.

Ghar-rigward tal-akkuzat Anwar Otman Hasan wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(g), 17, 23, 31, 207, 201(b), 202(d)(f), 251, 250(2), 86, 339(1)(d), 12, 17, 23 u 31, 251, 250(2), u wara li qieset l-assorbimenti kull fejn dawn jirrikorru w il-konkorsi tal-piena, tikkundanna lill-akkuzat Anwar Otman Hasan ghall-piena ta' prigunerija ghall-erba` (4) snin.

Fl-ahharnett, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-akkuzati li jhallsu s-somma ta' elfejn, tlett mija w wiehed u sittin Ewro (€2361.00) kull wiehed l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti mahtura f'dan il-kaz.

Fil-kaz illi din is-somma ma' tithallasx fi zmien hmistax il-gurnata jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------